# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-27 ta' Marzu, 2019.**

**Rikors Numru 819/2018**

**Valletta *Cruise Port Plc***
**(C – 26469)**

**vs.**

**Il-Bastiment *MV Leonidas K***
**(IMO 9467782)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-6 t'Awwissu, 2018, li permezz taghha s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi hi toffri servizzi kummercjali ta' natura marittima konsistenti fil-provista ta':

1.1.1. Facilitajiet t'irmigg fil-mollijiet tal-*Valletta Waterfront* inkluz f'Xatt l-Ghassara tal-Gheneb;

1.1.2. Lill-bastimenti kbar bhal ma hu l-bastiment intimat;

1.2. Illi l-bastiment intimat ilu marbut mall-moll tas-socjeta` rikorrenti mit-12 t'April, 2018, sas-26 ta' Lulju, 2018, u dan, minghajr hlas ghall-istess irmigg;

1.3. Illi l-ammont dovut ghall-istess irmigg fuq indikat jammonta ghal hamsa u hamsin elf mija u sebgha euro u tletin centezmu, (€55,107.30);

1.4. Illi minkejja li interpellat biex ihallas l-ammont fuq indikat il-bastiment intimat baqa' inadempjenti;

1.5. Illi ghalhekk l-istess ammont fuq indikat hu wiehed cert, likwidu u dovut u li ghalih, l-istess bastiment intimat m'ghandu l-ebda linja difensjonali fir-rigward;

1.6. Illi konsegwentement jezistu c-cirkostanzi kollha kkontemplati fl-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12), biex din il-procedura tigi deciza bid-dispensa tas-smigh;

1.7. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex din:

1.7.1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh *a tenur* tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12;

1.7.2. Tiddikjara li l-bastiment intimat hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' €55,107.30 rapprezentanti l-hlas ghall-irmigg fuq indikat;

1.7.3. Tikkundanna lill-istess bastiment intimat biex ihallas is-somma indikata fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

1.7.4. Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali mis-26 ta' Lulju, 2018, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-bastiment intimat;

2. Rat id-digriet taghha datat l-10 t'Awwissu, 2018, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 19);

3. Rat in-notifika tal-bastiment intimat kemm bir-rikors promotur u bl-avviz ghas-smigh datata l-20 t'Awwissu, 2018, (ara foll 23);

4. Tirrileva li l-bastiment intimat baqa' fi stat ta' kontumacja;

5. Semghet lix-xhud prodott;

6. Rat il-verbal datat id-29 ta' Novembru, 2018, li permezz tieghu il-procedura odjerna giet imhollija ghas-sentenza, (ara foll 26);

7. Tirrileva li ghalkemm il-bastiment intimat inghata l-opportunita` li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet *ai termini* tal-artiklu 158 (10) tal-Kap 12, xorta wahda baqa' inadempjenti;

Ikkunsidrat:

8. Illi *stante* li jirrizulta assodat li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti gew debitament ipprovati bil-konferma mill-gdid tal-istess talbiet seduta *stante*, (ara foll 27);

9.0. Tiddikjara li l-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

9.1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh kif fuq mitlub;

9.2. Tiddikjara li l-bastiment intimat hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' €55,107.30 pagament dovut ghall-irmigg fuq riferit;

9.3. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas is-somma fuq indikata lis-socjeta` rikorrenti;

9.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mis-26 ta' Lulju, 2018, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-bastiment intimat.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**